MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2013

Mandat Numru. 84/2013/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Numru 84/2013 JZM fl-ismijiet :**

**Julian u M. Josette konjugi Vella (732548M u 94150G)**

***vs***

**Ministeru Ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni**

***u***

**L-Awtorita` ta` Malta dwar l- Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors prezentat mir-rikorrenti fit-18 ta` Jannar 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati u konfermati bil-gurament mir-rikorrenti M. Josette Vella, talbu lil din il-Qorti sabiex izzomm lil –

*l-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) milli tapprova l-Minor Amendments intavolati mill-intimat Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni (MITC) fit-23 ta` Novembru 2012, in segwitu ghall-hrug tal-permess numru : 00694/12 (mehmuz bhala dokument A) u ippubblikat fis-6 ta` Ottubru 2012 ghall-Embellishment of housing block exterior, including proposed commercial outlets and proposed new exterior lift ;*

u sabiex izzomm –

*lill-intimat Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni (MITC) milli jibda x-xoghol ta` istallazzjoni tal-lift u xoghol iehor ancillari mal-istallazzjoni tieghu.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors promotorju.

Rat id-digriet taghha tat-18 ta` Jannar 2013 fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati bi zmien ghaxart ijiem biex iwiegbu, u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tal-31 ta` Jannar 2013 fis-01.45 p.m.

Rat li l-intimata Awtorita` dwar l-Ambjent u L-Ippjanar kienet notifikata fit-18 ta` Jannar 2013 waqt li l-intimat Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni kien notifikat fil-21 ta` Jannar 2013.

Rat ir-risposta tal-intimata Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li kienet prezentata fit-28 ta` Jannar 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbet lil din il-Qorti sabiex fl-ewwel lok tichad it-talbiet tar-rikorrenti, u fit-tieni lok tikkundanna lir-rikorrenti sabiex thallas penali skond il-ligi.

Rat ir-risposta tal-intimat Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni li kienet prezentata fit-30 ta` Jannar 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talab lil din il-Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposta tal-Ministeru intimat.

Semghet ix-xiehda ta` Chris Paris fl-udjenza tal-31 ta` Jannar 2013 u rat id-dokumenti li kienu prezentati mix-xhud.

Rat ukoll id-dokument li kien esebit mir-rikorrenti fl-istess udjenza.

Semghet id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-Ministeru intimat fl-istess udjenza fejn b`riferenza ghall-Art.873(3) tal-Kap 12 qalet illi –

*din il-Qorti m`ghandhiex tkun sodisfatta li ghandu jinhareg dan il-mandat, indipendentement jekk jirrizultawx iz-zewg rekwiziti l-ohra li trid il-ligi, billi l-applikazzjoni ghall-minor amendments fir-rigward tal-lift in kwistjoni fl-ewwel lok ghadha pendenti quddiem il-MEPA u fit-tieni lok hija talba li tirrigwarda emendi fis-sular mezzan ta` City Gater li allura ma jaffettwa b`ebda mod ix-xogholijiet approvati li jsiru fil-ground floor fejn hemm il-hanut "Trafalgar" liema xogholijiet ha jkunu jikkonsistu f`lift tal-hgieg.*

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera*.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Dritt</u>**

Skond l-**<u>Art.873(1)</u>** tal-Kap.12 –

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Skond l-**<u>Art.873(2)</u>** tal-Kap.12 –

*Il-Qorti **<u>m`ghandhiex</u>** tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Mill-Art.873(2) johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa : fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ; u fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza **<u>Grech pro et noe vs Manfre`</u>** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

... *huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Hemm imbaghad l-**Art.873(3)** tal-Kap.12 li jaqra hekk –

*Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Mela fejn, bhal fil-kaz tal-lum anke wiehed mill-intimati huwa l-Gvern, b`**zieda** mal-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2) tal-Art.873, irid jitqies ukoll dak li jinghad fis-subinciz (3) u cioe` (a) li l-haga li parti titlob li tinzamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-hsieb li titwettaq, u (b) li l-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.

Ghar-rigward tal-element tal-*pregudizzju* meqjus fil-kuntest tas-subinciz (3), din il-Qorti tirrileva illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "*li ma jkunx jista' jigi rimedjat*" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun

manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulativi u <u>mhux</u> alternativi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed mill-elementi ma jirrizultax, il-Qorti <u>hija obbligata</u> tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat.

Tajjeb li jkun riaffermat li l-procedura tal-lum hija mahsuba biex wahda sommarja. Ghaliex mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi stadju bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug tal-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, **<u>mhux kompitu</u>** ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura **<u>specjali u partikolari</u>** tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa **<u>limitat u cirkoskritt</u>** biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni. Jinghad ukoll illi l-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali **<u>eccezzjonali</u>**. Ghalhekk ma jistax ikun hemm il-hrug tal-Mandat jekk il-hsara li minnha r-rikorrent ikun qieghed jilmenta tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>Risultanzi</u>

Trafalgar Gift Shop huwa gestit mir-rikorrenti, jinsab fil-Kumpless ta` Bieb il-Belt u qieghed fuq in-naha ta` barra. Ir-rikorrenti pprezentaw tliet ritratti (Dok JKF1) li juru kif qeghda l-vetrina tal-hanut. Fuq ix-xellug tar-ritratti, jidher *boarding* ahmar. Irrizulta li dak huwa *boarding* <u>temporanju</u> li tqieghed mhux biss hdejn dak il-post partikolari, izda tferrex mal-bqija tal-Progett ta` Bieb il-Belt fejn ghadu ghaddej ix-xoghol, kif jista` jigi kostatat *de visu in loco*, biex ighatti kemm jista` jkun dak li jkun qieghed isir wara l-*boarding* bil-hsieb evidenti u manifest li jnaqqas safejn huwa possibbli l-inkonvenjenti ta` *works in progress* u naturalment l-effetti taghhom ghall-pubbliku.

Fil-kaz ta` Trafalgar Gift Shop, Chris Paris, Kap Ezekuttiv tal-Grand Harbour Regeneration Corporation (minn issa `l quddiem tissejjah "GHRC") li hija l-entita` responsabbli mix-xogholijiet ta` Bieb il-Belt, ikkonferma li l-*boarding* li jidher fir-ritratti Dok JKF1 huwa temporanju, u bil-mod kif se jsir il-lift in kwistjoni, xejn mill-faccata tal-hanut ma sejra tkun ostruwita, meqjus it-titolu li r-rikorrenti ghandhom ghall-post de quo.

Nigu ghal aktar dettall. U aktar qrib il-kwistjoni.

Irrizulta li fuq ix-xellug tal-hanut de quo, meta thares lejn il-faccata, u biswitu, GHRC trid taghmel lift li jiehu persuni mil-livell ta` Triq ir-Repubblika sa fuq fejn hemm l-entratura tal-flats tal-Gvern. Fejn se jsir il-lift, illum hemm tarag. U kif rajna, is-sit propju huwa mghotti bil-*boarding* ahmar.

Kif propost <u>illum</u>, sal-gholi kollu tal-faccata tal-hanut, il-lift se jkun mghotti bil-hgieg. Minn hemm `il fuq imbaghad il-lift se jkun mghotti b`gebla tal-franka li tibda mis-sular ta` fuq il-hanut in kwistjoni sas-saqaf ezistenti tal-Kumpless. Dan huwa kollu konfermat minn pjanta li harget mill-ufficcju tal-Perit Renzo Piano (Dok CP1).

Fost id-dokumenti li jaghmlu parti minn Dok CP1, hemm email tat-23 ta` Jannar 2013 li ntbaghtet minn Daniele Franceschin ta` Renzo Piano Building Workshop li tghid hekk –

*Please find attached a proposal where the ground floor plan is unchanged.* ***<u>The design as per last proposal (full hardstone wall) has been changed incorporating Trafalgar owner`s comments regarding the distance from his door</u>****. Regarding the upper levels the space are today occupied by the staircase so it will be no issues on having a flash stone wall arriving at the corner.* (sottolinear u enfasi tal-qorti).

Jirrizulta illi bil-mod se jitqieghed il-hgieg (li sejjer ighatti l-lift sal-gholi tal-ewwel sular) ma huwa se jkun hemm l-ebda *encroachment* fuq il-hanut in kwistjoni.

Jirrizulta li biex isir il-lift saret applikazzjoni lill-MEPA. Ghalkemm ma kienux *registered objectors* ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi (ara r-risposta tal-Awtorita` ntimata) l-ilmenti tar-rikorrenti kienu meqjusa ghaliex kif kien propost li jsir il-lift fil-bidu, kienet sejra tinghata parti mill-vetrina tal-hanut.

Jirrizulta li ma kenitx approvata l-pjanta tal-izvilupp kif kienet proposta mill-izviluppaturi. U ghalhekk GRHC ghamlet bdil li ha in konsiderazzjoni l-kwistjonijiet li kienu sollevati mir-rikorrenti.

Jirrizulta mid-deposizzjoni ta` Chris Paris illi l-lift kif propost iddawwar fl-emendi ghall-permess b`mod sabiex il-hrug ma jkunx quddiem il-hanut.

Jirrizulta li l-permess kien approvat.

Din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti m`ghandhiex jedd *prima facie* kontra l-Awtorita` intimata.

Jirrizulta li l-Awtorita` ntimata ghamlet l-accertamenti taghha, semghet anke lir-rikorrenti, qdiet id-dmirijiet u l-funzjonijiet li taghtiha l-ligi, u harget il-permess tal-izvilupp bir-riservi taghha, li jirrizulta li ghalihom kien hemm ottemperanza da parti tal-GRHC.

Daqstant iehor tghid din il-Qorti illi r-rikorrenti m`ghandhomx dritt *prima facie* fil-konfront tal-Ministru ntimat.

Irrizulta <u>fl-assjem</u> illi kif se jsir il-lift (bil-hgieg sal-livell tal-ewwel sular) mhux se jkun lesiv ghad-drittijiet tar-rikorrenti u lanqas m`ghandu jkun ta` inkonvenjent ghalihom.

Xi emendi ohra (deskritt bhala *minor*) fil-pjanti illi jirrizulta li saru m`ghandux ikollhom effett fuq il-hanut ghaliex jirrigwarda s-sular ta` fuq il-hanut. Inoltre xoghol iehor relatat mal-pilastrru tal-*arcade* ta` l-Kumpless irrizulta li se jsir xi tliet metri boghod mill-hanut u allura b`ebda influwenza negattiva fuq l-operat tal-istess.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-punti kollha jiffurmaw il-mertu tal-istanza tar-rikorrenti mhux biss kienu sodisfacjentement indirizzati izda prattikament risolti. U anke ghalhekk din il-Qorti tghid illi huwa karenti r-rekwisit tal-jedd *prima facie* tar-rikorrenti.

Billi ma jirrizultax ir-rekwizit tad-dritt *prima facie* din il-Qorti mhijiex sejra tghaddi ghall-konsiderazzjoni tar-rekwiziti l-ohra li jridu jkunu sodisfatti sabiex tordna l-hrug tal-Mandat.

Tghid biss illi t-talba tal-Awtorita` ntimata ghall-imposizzjoni ta` penali kontra r-rikorrenti qeghda tkun respinta ghaliex din il-Qorti hija prekluza milli tinfliggi penali tax-xorta pretiza mill-Awtorita` ntimata wara li kienu meqjusa b`reqqa d-dissposizzjonijiet tal-Art.836 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta.

Sabiex tintlaqa` t-talba ghall-hrug tal-Mandat, ir-rekwiziti huma stretti u l-qorti hija prekluza (***m`ghandhiex***) tordna l-hrug tal-Mandat jekk ir-rekwiziti **kollha** (minghajr eskluzjoni) jibqghu mhux sodisfatti.

**Ghar--ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tiddeciedi billi –**

**Tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat billi ma jirrizultawx l-elementi kollha mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-istess ;**

**Tichad it-talba tal-Awtorita` ntimata ghall-imposizzjoni ta` penali ;**

**Thassar *contrario imperio* d-degriet taghha tat-18 ta` Jannar 2013, safejn kienet laqghet it-talba tar-rikorrenti b`mod provvizorju ;**

**Dwar l-ispejjez, u bl-applikazzjoni tal-Art.223(3) tal-Kap.12, tordna illi kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------